10 ta' Mejju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Mario Gentile *versus* Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini ne.

## Ċitazzjoni — Domanda Indeterminata — Spejjeż Ġudizzjarji

*Id-domanda trid tkun determinata mhux biss fiċ-ċitazzjoni, imma anki fi skritturi oħra; u għalhekk, għalkemm l-attur fiċ-ċitazzjoni jitlob somma indeterminata, imma mill-iskritturi u mit-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta illi huwa kien jippretendi somma wisq superjuri minn dik effettivament minnu mirbuħa, ma hux ġust li l-konvenut jiġi akkollat bl-ispejjeż kollha tal-kawża. It-tassazzjoni ssir fuq l-ammont pretiż, u mhux sewwa li l-konvenut jiġi kundannat iħallas somma ta' spejjeż regolati fuq il-pretiża eżaġerata tal-attur. U għalhekk, f'każ bħal dan, hemm lok għal temperament fil-kap tal-ispejjeż.*

*Fir-regolament ta' dan it-temperament, però, il-Qorti tħares mhux biss lejn l-ammont li fih l-attur baqa' sokkombent, imma tqies ukoll fatturi oħra, bħal ma hu dak li l-konvenut ikun baqa' sokkombenti f'xi eċċezzjonijiet li jkun issolleva; u dak li hu ma jkunx għamel ebda depożitu ta' ammont raġjonevoli, iżgħar minn dak pretiż, approssimativament kalkulat, b'riżerva li jintegra l-istess depożitu.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi d-ditta konvenuta hija proprjetarja tal-motonave "Esperia Primo", li tinsab fil-Port ta' Malta; u li huwa avanza spejjeż fis-somma ta' £434 in konnessjoni max-xirja tal-vapur riferit; liema xirja saret effettivament mid-ditta konvenuta; u li l-istess bastiment ġie mpoġġi mid-ditta konvenuta f'idejh, u huwa, b'inkariku tal-konvenut, ilu ħdax il-xahar abbord jieħu kura tal-istess bastiment, u ħallas lin-nies ta' abbord u għamel spejjeż u xogħolijiet konsiderevoli biex il-bastiment u l-mutur tiegħu tpoġġew fi stat tajjeb għan-navigazzjoni; u illi t-trattattivi bejn il-partijiet kontendenti għall-arranġament sfaw fix-xejn; u li meta

l-konvenut ġie mitlub biex jiġi għall-likwidazzjoni u ħlas tal-kreditu tal-instanti, huwa nnega r-responsabilità tiegħu; u li d-ditta konvenuta hi obligata tirrimborża lilu s-somma ta' £70.18.0, jew somma oħra verjuri akbar jew iżgħar, imħallsa għall-motorista u spejjeż oħra magħmulin minnu in konnessjoni mal-istess bastiment, kif ukoll li d-ditta konvenuta għandha tħallsu għal xogħolijiet minnu magħmula u għall-ispejjeż erogati minnu dwar l-istess bastiment minħabba l-arrikkiment tad-ditta konvenuta b'detriment tiegħu, billi hija ħadet il-benefizzju tal-imsemmijin xogħolijiet u spejjeż; talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut hu responsabbli għar-rimborż favur l-istess attur tas-somom minfuqin mill-istess attur għall-motorista u in konnessjoni mall-bastiment fuq riferit għar-raġunijiet fuq indikati, kif ukoll għall-pagament ta' kumpens għall-ispejjeż u xogħolijiet fuq indikati, ammontanti għal kemm jirriżulta li bbenefikat id-ditta konvenuta bl-istess xogħolijiet u spejjeż; (2) jiġi likwidat l-ammont dovut lill-attur mill-istess konvenut għar-raġunijiet premessi; (3) u li l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-ammont likwidat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' April 1953, u tal-mandat tal-impediment tal-partenza tal-bastiment tas-27 tal-istess xahar; u bl-interessi kummerċjali; b'riżerva ta' kull azzjoni oħra;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Frar 1957, li biha, wara li kkonfermat ir-relazzjoni, u wara li rrespinġiet l-eċċezzjoni preġudizzjali, iddeċediet adeżivament għall-istanza, billi llikwidat f'£253.12.2 is-somma li l-konvenut nomine għandu jħallas lill-attur għar-raġunijiet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni, u kkundannat lill-istess konvenut nomine iħallas lill-attur l-istess somma, bl-interessi kummerċjali mill-jum tas-sentenza u bl-ispejjeż kollha tal-ġudizzju u relativi; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat, fol. 181, il-petizzjoni tal-appell tal-konvenut nomine, li biha appella mis-sentenza fuq imsemmija u talab li tiġi modifikata..............;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell hu limitat għall-kap tal-ispejjeż, li ġew karikati interament fuq l-appellant nomine;

Fil-petizzjoni tal-appell, l-appellant nomine elenka tmien motivi ta' doljanza kontra l-inċidenza tal-ispejjeż, kif mixħuta interament fuqu mill-Qorti tal-Ewwel Grad;

L-ewwel ħamsa (a), (b), (ċ), (d) u (e), u dak tal-ittra (h), jivvertu kollha, sostanzjalment, fuq l-isproporzjon bejn il-preteża tal-attur u l-ottenut, u jistgħu għalhekk jiġu kunsidrati, wara li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra;

Kwantu għall-motiv fl-ittra (f), illi ċjoé kien hemm xi inċident dwar id-dewmien tal-attur li jiddepożita l-ammont ordnat mill-Qorti għall-ispejjeż tal-perizija; dan l-inċident jinsab inkorporat fl-iskritturi minn fol. 14 sa fol. 17 tal-inkartament. Hu veru li d-dewmien kien dovut għaċ-ċirkustanza tal-assenza tal-attur minn Malta, imma b'daqshekk ma ġietx pruvata xi azzjoni jew ommissjoni kolpuża mill-parti tal-attur b'mod li tirrendieħ passibbli ta' dawk l-ispejjeż, kif seta' jkun il-każ kieku, wara li rritorna Malta, hu ttraskura għal żmien li jagħmel id-depożitu, mentri għall-kuntrarju, jumejn jew tlieta wara r-ritorn, l-attur iddepożita l-ammont lilu preskritt;

Kwantu għall-motiv fl-ittra (g), l-attur ma jistax jiġi ritenut responsabbli għax ikkura l-interessi tiegħu billi ħa ħsieb li jipproroga l-mandat ta' impediment ta' partenza. L-eżiġenzi tal-kawża ddilungaw il-proċeduri, u l-attur ma setgħax ħlief iġedded il-mandat. Jekk dan il-mandat kienx vessatorju jew le, minħabba l-ammont kawtelat, hi kwistjoni oħra;

Kwantu għall-ewwel ħames motivi (mill-(a) sal-(e) inkluživament), u għall-motiv fl-ittra (h), dawn jinkwadraw ruħhom fl-eżaġerazzjoni tal-pretiża, partikularment dik kawtelata bil-mandat, ċjoé £1200, mentri s-somma akkordata kienet ta' £253.12.2;

Dwar dan il-pont jingħad li din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' April 1874, fil-kawża "Smith vs. Haggi", Vol. VII, p. 85, Kollez., f'każ li fih l-Ewwel Qorti kienet

qatghet l-ispejjeż "pro rata" tal-vittorja u sokkombenza minħabba d-differenza bejn l-ammont kawtelat u dak ottenut ("avuto riguardo alla somma per cui fu spedito dall' attore il mandato in data 24 gennajo 1874", ara paġ. 87), kieħet iddissentiet, u qalet invece:— "Che, non avendo il detto attore domandato nella citazione una somma determinata in ragione della detta rimunerazione, a giudizio della Corte è inopportuna la condanna delle parti nelle spese a proporzione della rispettiva vittoria e soccombenza". U qatghet l-ispejjeż kollha kontra l-konvenut;

Fil-każ "Falzon Micelli vs. Grima" (inedita), l-attur kien għamel sekwestru kawtelatorju għal £50, mentri ġiet lilu akkordata s-somma ta' £12.6.0. Fiċ-ċitazzjoni d-domanda kienet, per se, indeterminata. L-Ewwel Qorti kkarikat l-ispejjeż kollha fuq il-konvenut. Iżda din il-Qorti, bis-sentenza tagħha tas-6 ta' Mejju 1932, fuq il-motiv, fost oħrajn, tad-differenza bejn l-ammont sekwestrat u dak ottenut, iffrazzjonat l-ispejjeż; iżda ħadet anki in konsiderazzjoni l-fatt li l-konvenut ma kienx offra lill-attur ebda somma inferjuri għal dik pretiża;

Fis-sentenza in re "Goodlip vs. Abdilla", mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 1953 (Kollez. Vol. XXIX-II-389), dik il-Qorti, wara li ċċitat iż-żewġ sentenzi fuq imsemmija, ġiet għall-konklużjoni li għandhom jiġu kunsidrati ċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ, salva l-osservanza tad-dispost tal-art. 249 (il-lum 221 Kap. 15), u salv l-effett tan-nuqqas ta' depożitu;

Ikkunsidrat;

Fil-każ preżenti, id-difensur tal-attur għamel enfasi fuq il-fatt li d-domanda fiċ-ċitazzjoni hija indeterminata. Dan hu veru biss sa ċertu punt; għaliex, għalkemm, per se, fiċ-ċitazzjoni d-domanda hi indeterminata, fil-fatt, però, dik id-domanda ġiet preċeduta b'mandat ta' sekwestru (fol. 183) li fih l-ammont tal-pretensjoni ġie ndikat fis-somma ta' £1200. Anki fl-istess korp taċ-ċitazzjoni, l-ammont tal-ispejjeż biss ġie ndikat bħala dak ta' £434. U matul il-kawża l-attur ippersista f'ammont għoli; tant li, fin-nota fol. 132, hu indika ammonti diversi, ammontanti għal fuq l-£1300.

Issa, kif ġie deċiż in re "Tonna vs. Staines ne.", 23 ta' Frar 1935, Vol. XXIX-II-357, id-domanda tista' tkun determinata mhux biss fiċ-ċitazzjoni, imma anki fi skritturi oħra; u f'każijiet simili t-tassazzjoni ssir, kif saret f'dan il-każ, fuq id-domanda kif determinata f'dawn l-iskritturi l-oħra barra ċ-ċitazzjoni. F'dik is-sentenza ġie rilevat li jista' jkun hemm każijiet li fihom id-domanda tqun għal kollox indeterminata, u fejn għalhekk it-tassazzjoni ssir fuq l-ottenut; dan jiġri meta, per eżempju, f'kawża ta' kumpens għal serviġi l-attur jitlob somma li għandha tiġi likwidata mill-Qorti, u fil-kors tat-trattazzjoni jillimita ruħu li jagħti dettalji dwar l-entità tas-serviġi bla ma jindika ebda somma li hu jippretendi;

Issa, fil-fatt l-attur rebaħ biss £253.12.2, ċjoé ftit aktar minn kwint tal-ammont li ppretenda. Intant, fit-tassazzjoni l-ispejjeż ġew korrettament regolati fuq l-ammont ta' £1200 pretiż minnu fil-mandat fuq imsemmi, konformement għas-sentenza fuq imsemmija u sentenzi oħra fl-istess sens. Ma jidherx, għalhekk, sewwa li l-konvenut jiġi kundannat iħallas somma ta' spejjeż regolati fuq il-pretiża eżaġerata tal-attur;

Però, għalkemm l-attur baqa' sokkombenti kważi f'erbgħa kwinti tal-ammont li ppretenda, eppure din il-Qorti għandha tqies anki dawn iż-żewġ ċirkustanzi:— (a) il-konvenut nomine appellant ta żewġ eċċezzjonijiet ta' indoli preliminari, li fihom baqa' sokkombenti; (b) l-appellant nomine ebda depożitu ma għamel ta' ammont raġjonevoli, iżgħar minn dak pretiż, approssimativament kalkolat, b'riżerva ta' integrazzjoni, kif seta' għamel (P.A. "Mangion vs. Ellul", 8 ta' Marzu 1897);

Għalhekk, kollox ma' kollox, il-Qorti jidhrilha li l-allokazzjoni infra ordnata hi ekwa;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fil-kap devolut lilha fis-sens li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-konvenut nomine ġie kundannat iħallas l-ispejjeż kollha lill-attur u tordna li, invece, l-ispejjeż tal-ewwel istanza jitħallsu b'dan il-

mod; il-konvenut appellant għandu jħallas l-ispejjeż taż-żewġ eċċezzjonijiet minnu sollevati u li fihom baqa' sokkombenti, u kwart tal-ispejjeż rimanenti, minn liema spejjeż l-attur għandu jħallas tliet kwarti. L-ispejjeż kollha tal-appell, però, jitħallsu mill-attur appellat.